MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Numru 863/2003

Il-Pulizija
(Sp Ronald Cassar)
vs
Oreste Conachy, iben Thomas,
imwieled Pieta’ fit-3 ta’ settembru,
1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli –
a. f’Ħal-Qormi u f’dawn il-Gżejjer, fis-7 ta’ jannar, 2002 bejn l-4.00 p.m. u il-11.00
p.m. ikkometta serq ta’ mutur tal-għamla Yamaha, bin-numru tar-reġistrazzjoni
FBA 328, għad-dannu ta’ George Farrugia minn Ħal-Qormi liema serq hu
kkwalifkat bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

b. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, f’Malta, xjentement laqa’ għandu, jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħu jew imexxih.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ diċembru, 2005 fejn l-imputat ammetta t-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati ta’ l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitt lira maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------